MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.<br>VINCENT GALEA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 210/2012

**APLAN Limited [C-2450]**

**vs**

**Ann Patricia CASSAR [ID. Nru. 307109(L)]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fit-13 ta' Marzu, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' erba' mija u tmenin euro u disgha u disghin centezmi ta' euro [€480.99c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Il-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u tmenin euro u disgha u disghin centezmu (€480.99) liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma *computer hardware* mixtriminghand is-socjeta attrici skond kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar l-14 ta' Jannar, 2013 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar l-14 ta' Jannar, 2013 u l-fatt li l-intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' erba' mija u tmenin euro u disgha u disghin centezmi ta' euro [€480.99c], bl-imghax mid-data ta' meta l-ammont kien dovut.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------